MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2012

Numru. 1235/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**
**VS**
**RONALD CARBONARO**
**MARY CARBONARO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Ronald Carbonaro ta' 30 sena, bin Joseph u Mary nee' Sciberras, mwieled Pieta' fit- 28 ta' Gunju 1981, residenti 32 Casa Carbonaro Triq l- Imhalla Naxxar u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 327481M;

Talli bejn Novembru 2008 u Marzu 2011 f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess disposizzjonijiet tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, fil- kapacita' taghhom

personali kif ukoll bhala Diretturi tas- Socjeta' Cosmo Line Ltd, approprjaw ruhhom, billi dawru bi profit ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jwe ikkunsinjata lilhom taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ma halsux lid- Dipartiment tal- VAT is- somma totali ta' €142,372.12;

Talli ukoll, fl-istess zmien u cirkostanzi, sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom infushom jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni, sabiex issir korrezzjoni fl-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati, billi tizdied imputazzjoni ohra taht l-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra u jikkonferma bil-gurament tieghu t-tahrika kif korretta;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew l-ammissjoni taghhom, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni taghhom;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi, fil-mori tal-istess proceduri, l-imputati kienu lahqu ghamlu pagamenti akkont lid-Dipartiment tal-VAT, u llum ma hemm l-ebda bilanc dovut lid-Dipartiment tal-VAT, hekk kif ikkonfermat mil-Prosekuzzjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputati, din il-Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza fil-konfront taghhom billi ssibhom hatja ta' dawn l-imputazzjonijiet. Irrisulta li llum il-bilanc dovut lid-Dipartiment tal-VAT hu mhallas kollu kemm hu, u ghalhekk l-iskop tal-ligi jidher li gie milhuq. L-istat ha r-risarciment kollu li kien dovut lilu skond il-ligi, u ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, ghandu jkun hemm temperament fil-piena. Di fatti l-Qorti sejra taghti sanzjoni fil-komunita' liz-zewg imputati, bhal ma ghamlet f'sentenzi ohra precedenti fejn il-mertu kien l-istess u fejn il-hlas kien sar fl-intier tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputati hatja w ghaldaqstant tilliberahom bil- kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------